# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025**

**Numru 4**

**Rikors Numru 664/2020**

**Citadel Insurance P.L.C. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Maurice Abela skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni**
**vs**
**Xwieki (Works) Limited (C15559) gja Bitmac (Works) Limited**
**u**
**Robert Riolo (ID 391966M)**
**u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2025 ġie kjamat in kawża Matthew Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġurmanentat tas-Soċjeta' Citadel Insurance PLC (is-Soċjeta' konvenuta) tat-3 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi Maurice Abela (ID 0774052M) kien is-sid tal-cabin cruiser bl-isem “COFARE” (numru rar-registrazzjoni 07705) li kien mahzun, cioe’ depozitat, fil-boatyard li tinsab f’Burmarrad operata u maniggjata mill-intimati Xwieki (Works) Limited, gja Bitmac (Works) Limited u Robert Riolo u dan versu hlas pattwit bejn il-partijiet.

2. Illi fl-1 ta’ Frar 2018 sehh incident fl-imsemmija boatyard fejn kien hemm nirien f’xi dghajjes u tali nirien mexa minn dghajsa ghall-ohra tant illi l-cabin cruiser bl-isem “COFARE” fuq imsemmi sofra danni ingenti u spicca total loss.

3. Illi l-hsara sofferta mill-assigurat ammontat ghal hamsa u erbghin elf, disa’ mija u hamsa u tmenin Ewro (Eur 45,985) li flimkien ma’ dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta’ mitejn u hamsa u disghin Ewro (Eur295) rappresentanti l-fees tas-surveyor Oceanus Marine Ltd., u ghalhekk it-total komplessiv ta’ danni huwa ta’ sitta u erbghin elf, mitejn u tmenin Ewro (Eur 46,280).

4. Illi l-intimati huma unikament responsabbli ghall-hsara fuq imsemmija u dan stante illi fl-operazzjoni u maniggjar tal-imsemmija boatyard, huma naqsu serjament milli jiehdu l-prekawzjonijiet xierqa u opportuni sabiex jevitaw riskju ghall-hazna ta’ kwantita’ kbira ta’ cabin cruisers u dghajjes ohra u sabiex jindirizzaw tali riskji u jipprovdu servizzi sufficjenti kif trid l-arti u s-sengha sabiex jekk jinqala’ incident il-hsara li tigri fuq il-post tigi immedjatament indirizzata u minimizzata.

5. Illi apparti dan jirrizulta illi l-boatyard in kwistjoni ma kinitx debitament licenzjata u/jew adebita b’permessi xierqa u relattivi skond il-ligi sabiex tigi operata bhala tali.

6. Illi l-hazna tal-cabin cruiser “COFARE” fuq imsemmi fl-imsemmija boatyard kien versu hlas u ghalhekk l-obbligu tal-intimati bhala depozitarji kien iktar accentwat skond il-ligi.

7. Illi l-imsemmi Maurice Abela kien assikurat mas-socjeta’ rikorrenti u ghab-bazi tal-polza relattiva gie kkompensat mis-socjeta’ rikorrenti ghad-danni subiti u b’hekk is-socjeta’ rikorrenti giet debitament surrogata kif trid il-ligi.

Igħidu għalhekk l-intimati, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija il-provvedimenti kollha opportuni, għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati responsabbli ghall-hsara ingenti fuq il-cabin cruiser “COFARE” fuq imsemmi;

2. Tikkundanna lill-intimati ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont totali ta’ sitta u erbghin elf, mitejn u tmenin Ewro (Eur 46,280) bhala danni subiti ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghax legali kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Robert Riolo (il-konvenut Riolo) tat-18 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, l-attriċi għandha tressaq prova li l-bastiment meritu tal-kawża tassew kien jappertjeni lill-assikurat tagħha, u li tassew seħħet is-surroga li abbażi tagħha qed tipproponi l-istanza odjerna.

2. Illi bla preġudizzju għall-premess u wkoll preliminarjament, l-eċċipjenti m`għandhu ebda relazzjoni ġuridika ma` attriċi jew ma` l-assikurat tagħha, u billi l-azzjoni attriċi hija waħda *ex contractu*, l-eċċipjent ċertament li m`huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi.

3. Illi bla preġudizzju għall-premess u wkoll preliminarjament, għall-iċendju meritu tal-kawża jaħti unikament Matthew Muscat, sid il-bastiment li ha nar, li għalhekk għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

4. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi kontra l-eċċipjenti hija preskritta a tenur ta` l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti m` huwiex responsabbli għall-ħsarat meritu tal-kawża, u għalhekk it-talbiet attriċi huma kollha nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

6. Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi għandhom jiġu kolha rigettati bħala infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, stante illi -assikurat ta` l-attriċi assuma r-riskji kollha naxxenti mil-hażna tal-bastiment, u għalhekk l-attriċi m` għandhiex azzjoni , billi min jikseb jedd b` surroga ma jiksibx aktar jeddiijiet milli kellu s-surrogat.

7. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-attriċi għandha tressaq prova skond il-liġi dwar kell pretensjoni tagħha, u fin-nuqqas it-talbiet tagħha għandhom jiġu respinti.

   Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez kontra l-attriċi, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rapprezentati tagħha fi proċeduri ġudizzjarji.

   B` riserva wkoll ta kull azzjoni oħra spettanti lill-eċċipjenti

Rat ir-risposta tas-Soċjeta Xwieki (Works) Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tad-29 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà attriċi għandha tagħmel prova taċ-ċessjoni minnha vantata, kif ukoll prova li Maurice Abela, il-persuna msemmija fir-rikors ġuramentat, kien verament sid id-dgħajsa *de quo.*

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, skont il-ftehim viġenti bejn is-soċjetà esponenti u s- sid tad-dgħajsa *de quo,* il-ħażna tad-dgħajsa saret għar-riskju waħdieni tas-sid (ara klawżola numru 3 tal-ftehim, hawn anness u mmarkat bħala **Dok.XWl).**

   Inoltre, skont l-istess ftehim, Maurice Abela kellu jottjeni polza tal-assikurazzjoni *"all risks including third party risks, fire and theft",* b'kondizzjoni addizzjonali li l-istess Maurice Abela, *"shall procure that the relative insurance policies shall include a waiver of subrogation clause in favour of BIT.* Din il-klawżola saret bl-iskop speċifiku li, minflok idur fuq is-soċjetà esponenti, sid id-dgħajsa jkun kopert b'assikurazzjoni *"all risks",* inkluż ukoll kopertura fil-każ ta' nirien, *b'waiver of subrogation clause* sabiex l-istess assikurazzjoni ma tkunx tista' ddur kontra s-soċjetà esponenti (għaliex ma kienx hemm dritt li fih setgħet tiġi

surrogata). Billi ma hemmx dritt li fih setgħet tiġi surrogata s-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà rikorrenti hija prekluża milli taġixxi kontra s-soċjetà esponenti.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti ma taħtix għall-ħsara allegata mir-rikorrenti u għalhekk, m'għandhiex tagħmel tajjeb għal ebda danni.

**4.** Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà attriċi għandha tagħmel prova *tal-quantum* tad-danni minnha allegati in kwantu l-istess *quantum* huwa kontestat.

5. Bl-ispejjeż u salv risposti ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat in Kawża Matthew Muscat (il-konvenut kjamat) tat-22 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

> "Illi l-esponenti gie msejjah bhala kjamat in kawza fid-digriet tat-13 ta' Ottubru 2020 bhala sid tal-motor yacht bl-isem ta' Lady Graziella liema dgħajsa inqerdet għal kollox fl-incident li sehh fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018).
>
> Illi l-atturi ma jgawdu ebda relazzjoni guridika u/jew kuntrattwali mal-kjamat in kawza stante illi huma għandhom relazzjoni kuntrattwali mal-intimati l-ohra

jew min minnhom.

Illi l-esponenti ma għandhu ebda responsabilita għall-imsemmi incident u għalhekk mhuwiex il-legittimu kontradittur. Illi fid-data tal-incident l-esponenti kien imsiefer u halla l-kustodja u sorveljanza tal-ostess dgħajsa f idejn l-intimati jew min minnhom għal-hazna regolari fil-facilita tal-intimati jew min minnhom.

Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-esponenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jihu michuda bl-ispejjez stante li l-akkadut ma sehx bil-htija tiegħu; l-esponenti qatt ma naqas milli josserva u jaderixxi mar-rekwiziti tal-ligi u l-incident in ezami certament ma sehhx minhabba xi tort, negligenza, nuqqas ta' diligenza, jew nuqqas ta' prudenza jew nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet imputabbli lilu.

Illi jirrsulta illi l-intimati jew min minnhom ma kellhomx il-permessi necessarji u ma kienux awtorizzat jusaw l-imsemmija art bhala boat yard li għalhekk kienet nieqsa mil-licenzji u awtorizazzjoni regolari.

Illi jirrisulta ampjament illi l-intimati jew min minnhom ma zammex d-distanza necessarja fil-hazna tal-imesmmija għajjes u kellhom nuqqasijiet varji li waslu għall-imsemmi incident. Illi l-kawza prossima tal-incident ma gietx definittivament stabbilita u l-esponent joggezzjona bil-qawwa kollha li l-motor yacht tiegħu kienet u setgħet kienet il-kawza prossima tal-incident stante illi l-imsemmija dgħjasa ma kinitx konnessa u supplita bl-elettriku hekk kif irrisulta fl-inkjesta. Illi l-intimati jew min minnhom ma hadu ebda pre kawzjoni u mizuri ta' apparat tas-sigurta u ma għamlu ebda tip tal' Polza tal-Assikurazzjoni sabiex joperaw tali Boat yard. Illi inoltre hija procedura regolari u

responsabilita tal-Operaturi ta' kull Yard li taqta u twaqqaf il-kurrent meta il-Yard ma tkunx kustodita u meta ma jkun hemm ebda assistenti fil-yard liema procedura hija wahda adoperata fis-settur u jidher għalhekk car illi fil-kaz in ezami din il-procedura ma kienitx qed tigi osservata.

Kwindi hija eskluza b'kull mod kategoriku responsabilita jew responsabilita kontributorja għall-imsemmi sinistru li sehh minhabba imperizja u traskuragni da parti ta' terzi. Illi l-fatt li l-intimati stqarrew lill-inkwirenti li jahsbu li n-nar kien jidher l-aktar qawwi fuq id-dgħajsa Lady Graziella mhux prova li n-nar beda min fuq l-imsemmija dgħajsa meta l-instess inkwirenti kkonferaw sija mill-konvenut Robert Riolo illi d-dgħajsa kollha minbarra d-dgħajsa numru 9 kienu imqabbda mas-supply tal-elettriku; pero Cleaven Portelli jikkonferma li għalkemm kien tiela s-shore power fuq il-Lady Graziella jiccara li ma kienx proprju kkonettjat li għalhekk kellu jeskludi short fuq appliances mill-istess Lady Graziella.

Illi l-esponenti jirriserva li jitlob il-hatra ta' esperti fil-materja sabiex jesamina il-provi u jirrelataw ulterjorment fuq il-provi tal-Inkjetsa Magisterjali li certament għandhom jeskludu responsabilita tal-esponenti.

Illi l-esponenti ma jistax jigi kkundannat responsabbli għad-danni sofferti min terzi meta l-istess inkjesta eskludiet li l-incident sehh minn att doluz.

Illi l-esponent mingħajr pregudizzju għall-premess kien debitament assikruat mas-socjeta MIB Insurnace Agency Limited li sahansitra halsithu għad-danni sofferti fil-motor yacht Lady Graziella. Illi s-socjeta MIB Insurance Agency Ltd tagixxi bhala agent għall-MS AMILIN (Syndicate 2001 at Lloyd's).

Illi mingħajr pregudizzju għall-premess d-dannu jehtieg li jigu kwantifikati stante li ma ttiehdet ebda kunsiderazzjoni ta' deprezzament fil-valur tal-

imsemmija dgħajsa kwantifikazzjoni li jehtieg ukoll tigi verifikata mill-esperti mahtura fuq dokumenti ta' registrazzjoni u dettalji ohra tal-istess dgħajsa. Mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet u riservi ulterjuri skond provi u dokumenti li ser jigu esebiti fl-atti tal-kawza."

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha mressqa fil-perkors tal-kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Maurice Abela l-assigurat tas-Soċjeta' Attriċi, kien il-propjetarju tal-cabin cruiser li jisimha "Cofare" bin-numru ta' reġistrazzjoni numru 07705. L-Attur iddeposita din l-opra f'Boat Yard f'Bumarrad versu ħlas u liema sit huwa propjeta' tas-Soċjeta' Xwieki ġja Bitmac (Works) Limited. Għalkemm din il-Boat Yard kienet operata mis-Soċjeta' konvenuta, jidher li l-konvenut Riolo kien jieħu ħsiebha u jieħu l-ordnijiet mingħand is-Soċjeta' konvenuta Xwieki.

Ġara li fl-1 ta' Frar 2018, waħda mill-ħafna dgħajjes li kien hemm f'din il-Boat Yard ħadet jew kienet kawża ta' nar li għamel ħsara jew qered diversi dgħajjes fosthom dik ta' l-Attur. Inkonsegwenza l-Attur sofra d-danni. Jidher li d-dgħajsa li kienet is-sors ta' dan kienet tal-konvenut kjamat in Kawża.

B'konsegwenza ta' dawn in-nirien l-Attur jgħid li sofra danni fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf, mitjen u tmenin ewro (€46,280). Is-Soċjeta' Attriċi ħalsitu dawn id-danni u ssurogat lilha nniffisha skond il-liġi biex b'hekk setgħet tagħmel din il-Kawża (a' fol 45).

**Punti ta' Liġi.**

L-azzjoni esperita f'din il-Kawża hija ndubbjament abbażi tal-artikoli 1031 u 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Għalhekk l-azzjoni hija dik toħloq obbligu legali fir-rigward li kulħadd huwa mistenni li jġib ruħu sew mingħajr ma jagħmel ħsara lil ħaddieħor u jekk hekk jagħmel dik il-ħsara jrid jagħmel tajjeb għaliha. Dan il-ħsieb huwa rifless fis-segwenti żewġ artikoli tal-Kodiċi Ċivili: Art 1031 (1) *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar".* U Art 1033 li jiddisponi wkoll li "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Fis-Sentenza fl-ismijiet Dr**. Remigio Zammit Pace noe -vs- Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004**, il-Qorti qalet hekk fir-rigward l-obbligi msemmija:-

"*L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi kull min … mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk".* Dawn il-prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif ukoll intqal

fis-**Sentenza fl-ismijiet Bonnici -vs- Mizzi, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003**, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, li "*Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*" (**Vol.XXIV.I.172**). Fl-aħħar nett irid jingħad, li l-prinċipji ennunċjati fil-Kodiċi Ċivili huma ġenerali. Fihom jissubentraw obbligi oħrajn speċifiċi bħal per eżempju f'dan il-każ l-obbligi tad-depositarju skond il-liġi. Fir-rigward tal-Istitut tad-Depositu, il-fatt li l-ħażna ta' din id-dgħajsa saret bi ħlas, għabbiet lis-Soċjeta' konvenuta bl-obbligi tad-depositarju.

Issa kif jiddisponi l-artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu". U peress li dan sar bi hlas l-obbligu taht l-artikolu imsemmi għandu jkun applikat b'aktar severita'*. (artikolu 900(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili). Dan għaliex li bħala regola l-Istitut tad-depositu huwa wieħed gratwitu għalkemm ma hemm xejn li jżomm lill-partijiet milli jifthemu mod ieħor (artikolu 1892 tal-Kodiċi Ċivili).

L-awturi jispjegaw li "<u>il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono affidati, mentre il mandatario li usa nell'interesse del mandante e in conformità alle istruzioni dal medesimo ricevute</u>" (Ara **Baudry Lacantinerie, Del Mandato, para. 404**.) Intqal ukoll li "*fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la*

*tradizione s'incarichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti"* (**Ara Pothier, Del Deposito Cap. 1, para 9**).

Jekk depositu onerus għaliex għalih sar il-ħlas. B'hekk il-prinċipju tal-*bonus pater familias*, irid bis-saħħa tal-liġi, jkun applikat b'aktar severita'. Dan ma jfissirx xi grad ogħla ta' attenzjoni, iżda din il-Qorti għandha b'mod l-aktar skrupluż teżamina fejn naqset is-Soċjeta' Konvenuta jekk huwa l-każ.

**Konstatazzjonijiet**

Il-Qorti ser tmur mill-ewwel f'ras il-għajn sa fejn jirrigwarda r-responsabbilita' telenka bħala provi s-segwenti:

1. Il-Claim survey esebit mar-rikors ġuramentat. Għalkemm dan huwa rapport ex-parte meqjus fil-kuntest tal-provi kollha u ċirkostanzi tal-każ ukoll għandu l-piż probatorju tiegħu.

2. L-osservazzjonijiet li saru fil-proċess verbal (a' fol 33).

3. Is-subrogation form li biha Maurice Abela, sid id-dgħajsa issurroga lis-Soċjeta' Attriċi biex setgħet tagħmel din il-Kawża (a' fol 45).

4. Il-kuntratt li sar bejn l-imsemmi Maurice Abela u s-Soċjeta' konvenuta, iffirmat mill-konvenut Riolo (a' fol 56).

5. Ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta Xwieki hija prattikamnet l-istess bħal dik mogħtija f'kawżi oħrajn diġa' deċiżi minn din il-Qorti kif ser ikun spjegat aktar 'l quddiem (a fol 60).

6. Ir-risposta tal-konvenut kjamat hija prattikament mera tar-risposti ġuramentati fil-Kawżi l-oħrajn diġa' deċiżi (a' fol 79).

7. Ix-xhieda tal-Perit Marie Louise Caruana fejn fost oħrajn tiċħad li l-Boat Yard ma kellhiex il-permessi biex topera bħal tali (a' fol 205 ara ukoll a' fol 219).

8. Il-konklużjonijiet tal-Maġistrat Francesco Depasquale bħala Maġistrat inkwirenti.

9. Id-dokumenti dwar il-policies tal-MEPA dwar *Open Storage* (a' fol 306).

10. Ix-xhieda ta' Dr. Daniel Vella (a' fol 337).

11. Ix-xhieda ta' Martin Bajada u r-relazzjoni minnu magħmula (a' fol 339, 384 u 408).

12. Ix-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar (a' fol 418).

13. Xhieda ta' Jennifer Gatt fejn fost oħrajn tikkonferma li Maurice Abela ffirma l-kuntratt mas-Soċjeta' konvenuta wara l-inċident (a' fol 495 u 496).

14. Ix-xhieda tal-konvenut Robert Riolo (a' fol 508 , 535 u 546).

15. Il-pen drive (a' fol 541).

16. Ix-xhieda tal-kjamat in kawża Matthew Muscat.

17. Ix-xhieda ta' Cleaven Portelli (a' fol 574)

18. L-għadd imdaqqas ta' ritratti tal-Boat Yard mertu tal-Kawża u ta' oħrajn u kif ukoll l-għadd imdaqqas ta' dokumenti esebiti tul il-Kawża.

Kif diġa ġie rilevat, din il-Qorti kif presjeduta diġa' prolatat żewġ Sentenzi dwar l-istess mertu għalkemm fir-rigward ta' dgħajjes u propjetarji oħrajn. Dawn huma rikors ġuramentat numru 1242/18 TA GasanMamo Insurance Limited (C 3143) vs Robert Riolo (ID 391966M) u Xwieki (Works) Limited (C15559) ġa Bitmac (Works) Limited u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2019 ġie kjamat in kawża Matthew Muscat u Rikors Numru 1241/2018 TA GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurati tagħha John u Alexia Farrugia skond l-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni vs Xwieki (Works) Limited (C 15559) ġa Bitmac (Works) Limited u Robert Riolo (ID 391966M) u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2019 ġie kjamat fil-kawża Matthew Muscat.

Għalhekk, biex ma jkunx hemm repitizzjoni ta' raġunamenti u motivazzjonijiet li diġa' issemmew f'dawk is-Sentenzi, il-Qorti ħasset li kellha telenka l-parti l-kbira tal-provi miġbura f'din il-Kawża.

Minn qari tal-atti ta' din il-Kawża jidher li din hija jekk mhux identitka, in grosso modo u fis-sustanza tistrieh fuq l-istess kwalita' tal-provi li waslu lil din il-Qorti sabiex tilqa' it-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi.

Pero' sabiex tinftiehem din is-Sentenza l-Qorti tagħmel suċċint tal-osservazzjonijiet:

Din il-Boat Yard li suppost timplika ċertu sigurta' lanqas rixtellu ma kellha u kulħadd seta' jidħol u joħroġ minnha, lanqas xi tip ta' għassa ma kellha mal-entratura tagħha. Ma kien hemm ebda persuna biex tispezzjona d-dgħajsa qabel ma tinħażen, biex ikun kontrollat li ma jkollha ebda materjal perikoluż jew kombustibbli.

Kif ingħad f'dawk il-Kawżi, issa f'din il-Kawża, is-Soċjeta' Xwieki qua depositarja kellha obbligi partikluari ta' responsabbilita' li jemanu mill-Istitut tad-depositu fost oħrajn dak li dawn għandhom ikunu applikati b'severita' għaliex bħala regola, dan l-Istitut huwa wieħed gratwitu, għalkemm ma hemm xejn xi jżomm il-partijiet milli jifthemu mod ieħor. Dan ukoll ġie rilevat aktar 'l fuq fl-ispjegazzjoni introduttorja tal-prinċipji legali involuti.

Is-sens daparti tas-Soċjeta' konvenuta jirrisulta l-aktar mill-fatt li f'din il-Boat Yard saħansitra kien hemm qribha tankijiet bil-qatran meta l-anqas ma rriżulta li kien hemm hydrants jew apparat għat-tifi tan-nar. Kif anke osservaw l-esperti kellha art li kienet magħmula minn materjal li jirritjeni żjut u materji oħra ta' din ix-xorta. Fl-istess ħin l-anqas ġie kkunsidrat li d-dgħajjes miżmuma ħdejn xulxin bħal sardin hija riċetta ta' disastru, għaliex jekk taqbad xi dgħajsa hemm ċans tajjeb li jaqbdu dawk ta' ħdejha, kif fil-fatt ġara.

Apparti dan kollu kien hemm diversi nuqqasijiet oħrajn bħal ma huwa mezz idoneju għat-tifi tan-nar u anke l-mod kif kien supliet l-elettriku lid-dgħajjes. Iżda għar minn hekk, irrisulta f'kull kawża li kellha din il-Qorti, li din il-Boat Yard ma kinitx koperta mill-permessi relattivi, biex b'hekk ġew elużi l-

kontrolli li tagħmel l-Awtorita' kompetenti, fosthom dak ta' sigurta' qabel ma toħroġ il-permess. Fl-istat li kienet tinsab din il-Boat Yard żgur ma kienx joħroġ permess.

Kwantu għall-konvenut Riolo, bħal ma ntqal fis-Sentenzi l-oħrajn qiegħed jingħad ukoll f'din tal-lum, li dan kien qiegħed jaġixxi fl-interess tas-Soċjeta' Xwieki, tant li anke l-kuntratt fuq imsemmi, iffirmaħ fl-interess tas-Soċjeta' Xwieki. Biex iffirmaħ wara l-inċident jidher li hu ħa struzzjonijiet mingħand is-Soċjeta' konvenuta. Għal din il-Qorti mill-apprezzament ġenerali tal-provi, dan kien jimxi fuq struzzjonijiet ta' din is-Soċjeta' Konvenuta.

Kwantu għall-konvenut kjamat Muscat, għalkemm in-nar inbeda mid-dgħajsa tiegħu, xorta waħda għandha twieġeb is-Soċjeta' konvenuta. Il-fatt li qabdet din d-d-għajsa ma hiex il-kwistjoni. Il-kwistjoni hi, li minħabba l-mod kif kienet pjanata din il-Boat Yard u minħabba d-defiċjenzi fl-ippjanar tagħha, dan kollu iffavorixxa t-tifrix tan-nar. Dawn id-defiċjenzi huma imsemmijin aktar 'l fuq.

Issa l-Qorti tosserva li din il-Kawża ma hiex issir kontra l-kjamat biex is-Soċjeta' konvenuta tirriklama danni. Din il-Kawża qed issir mis-Soċjeta' Attriċi li mal-imsemmi ma kellha ebda relazzjoni ġuridika. L-unika relazzjoni ġuridika li għandha s-Soċjeta' Attriċi hija versu s-Soċjeta' konvenuta kif issurogata fid-drittijiet tal-klijent tagħha. Di pju, il-premessi u t-talbiet fir-rikors ġuramentat huma kjarament diretti kontra s-Soċjeta' konvenuta u mhux kontra l-kjamat fil-Kawża għalhekk bil-mod kif formulati ma jistgħux jintlaqgħu.

Għalhekk Matthew Muscat ma hux fil-mira tar-rikors ġuramentat. Kieku s-Soċjeta' Attriċi riedet tolqot lill-imsemmi bil-pretensjonijiet odjerni tagħha ma kien hemm xejn xi jżommha li tinkludih mill-ewwel bħala parti meta ma hemm ebda dubbju kienet diġa' taf bih qabel ma bdiet il-Kawża. Għaldaqstant anke dan Matthew Muscat qua kjamat in kawża ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Dwar id-danni sofferti, qabel xejn il-Qorti tqies li s-surroga saret skond il-liġi. Li s-surogazzjoni legali hi mogħtija lis-Soċjeta` Attriċi qua assiguratriċi ta' Maurice Abela. Skond l-interpretazzjoni tas-subinċiż (c) ta' l-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili, "*l' assicuratore era obbligato assieme a colui che era responsabile dei danni di pagare l'ammonto di tali danni, e, quindi, in favore dello stesso vi sarebbe la surrogazione legale"* (**Kollez. Vol. XXVII P III p 492**, konfermata fl-appell a **Vol. XXVII P I p 873**. Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Fogg Insurancies Agencies Ltd nomine et -vs- Raymond Azzopardi", 25 ta' Frar 2004**).

Minn dan jitnissel, bis-surroga li l-assiguratur jidħol fid-drittijiet ta' l-assigurat. Dan ifisser li din iġġib suċċessjoni partikolari fil-kreditu bit-trasferiment lill-assiguratur tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti ex-delicto kontra min ikkaġonalu d-dannu. B' konsegwenza, l-assigurazzjoni hi leġittimata li taġixxi bis-saħħa tas-surroga kontra t-terz kolpevoli. Għalhekk bis-surroga s-Soċjeta' Attriċi akkwistat b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga.

Għaldaqstant is-Soċjeta' Attriċi issubentrat fl-identita' posizzjoni, sostanzjali u proċesswali, tad-danneġġjat di fronte għad-danneġġjant. Naturalment, l-awtur tal-fatt illeċitu, imsejjaħ fil-ġudizzju mill-assigurazzjoni tad-danneġġjat li tkun qed taġixxi bil-fatt tas-surroga, jista' jopponi lill-assigurazzjoni l-eċċezzjonijiet kollha li kienu jkunu opponibbli fil-konfront ta' l-assigurat-danneġġjat.

Issa mill-provi prodotti din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dawn huma suffiċjenti u kredibbli biex taċċetta l-ammont li qed ikun reklamat (a' fol 44 sa 57 u ara wkoll affidavit ta' Jemmy Gatt a' fol 86, rapport cliam survey a' fol 90 u affidavit ta' Lawrence Formosa a' fol 72B).

Kwantu għall-imgħax fuq is-somma li qed tkun mitluba. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, jidher ukoll illi tali obligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond l-Artikolu 5 (e) tal-Kodiċi kummerċjali. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika s-subartikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, dan l-imgħax beda jiddekorri mid-data li kellha tiġi eżegwita u ċioe' mid-data ta' meta kien ippreżentat ir-rikors ġuramentat mis-soċjeta' attriċi fit-3 ta' Awwissu 2020.

Hawn mhux il-każ li jkun applikat il-prinċipju ta' *illiquidis non fit mora*. Dan l-argument huwa bbażat fuq il-fatt li ma hiex ħaġa sewwa li tagħti imgħax fuq ammont li d-debitur ma jkunx jaf kemm hu. Iżda eċċezzjonijiet għal din ir-regola hemm fosthom meta l-ammont ikun ċert tant li jkun konfermat bl-għoti tas-Sentenza (ara **Giorgio Giorgi Teoria Obbligaz Vol III pag 202**

u ara wkoll **Sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997**).

Issa f'din il-Kawża t-talbiet kienu sa mill-bidu fl-ammont li din il-Qorti taqbel miegħu. Somma kapitali li s-Soċjeta Attriċi ġiet imċaħħda minnu tal-inqas sa mil-bidu ta' din il-Kawża u ċioe' mit-3 ta' Awwissu 2020. Għalhekk l-imgħaxijiet skond il-liġi ser jingħataw minn din id-data.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi limitatament fil-konfront tas-Soċjeta' konvenuta Xwieki.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tikundanna lis-Soċjeta' konvenuta Xwieki tħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma sitta u erbgħin elf u mitejn u tmenin ewro (€46,280) bl-imgħaxijiet legali mit-3 ta' Awwissu 2020 sal-pagament effettiv.

**Tillibera** lill-konvenuti l-oħrajn mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes għas-Soċjeta' konvenuta Xwieki ħlief dawk tal-kjamat in kawża li ġie mitlub mis-Soċjeta' Attriċi. Għalhekk għandha tkun din li tissoporti l-ispejjes tiegħu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**